L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 7 ta' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-5:50 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**L-EWWEL TAQSIMA:**

**IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. L-aħbarijiet huma mera tal-verità. Iddiskuti.

2. Ikteb rakkont li jibda: "Aħjar hekk milli agħar."

3. L-opportunitajiet fl-isport f'Malta.

4. Iddeskrivi avveniment pubbliku li sar fis-sajf li għadda.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

**Ingawdu l-Isbaħ Staġun… Ir-Rebbiegħa!**

Sa minn età żgħira ħafna, it-tfal jiġu mgħallma dwar l-erba' staġuni tas-sena biex jagħrfu r-rwol importanti li kull wieħed għandu fiċ-ċiklu tal-ħajja u s-**sopravivenza** tal-ħlejjaq. Żgur li ħafna għandhom l-istaġun favorit tagħhom; tiegħi r-rebbiegħa.

Għalija r-rebbiegħa tagħti spinta lill-ħajja. Ħafna mill-bijodiversità tirriproduċi tul dan iż-żmien u l-ekosistemi differenti jaħdmu flimkien biex jieħdu sehem f'dan il-proċess. Il-fjuri jibdew iwarrdu u jinbidlu fi pjanti u siġar biex joħolqu spettaklu kkulurit u jiġbdu lejhom l-insetti għad-dakra. L-insetti, kif ukoll xi frott differenti, jgħinu biex ikun assigurat li l-ftit mammiferi li għandna f'pajjiżna jsibu x'jieklu. Il-qanfud **jagħmel festa** mill-bebbux waqt li l-ġurdien tar-raba' jogħxa bi frotta bil-meraq.

L-għasafar f'daż-żmien jibdew iħejju għall-passa u l-istaġun tal-bejta. Mijiet ta' eluf ta' għasafar, ta' kull kulur u daqs, ipassu min-naħa t'isfel għat-Tramuntana tal-Ewropa biex jirritornaw fil-postijiet fejn ibejtu. Fi triqithom, ifittxu postijiet fejn jistrieħu u jirkupraw l-enerġija biex ikomplu bil-vjaġġ tagħhom. Il-passa titqies bħala wieħed mill-isbaħ spettakli u kisbiet tan-natura. Pajjiżna jinsab f'**qagħda** strateġika kruċjali għall-passa tal-għasafar. Il-baħar miftuħ ma tantx huwa ħanin mal-għasafar, speċjalment ma' dawk li jkunu qasmu meded kbar ta' art niexfa bħad-deżert fl-Afrika. Għaldaqstant, gżejjer żgħar fil-Mediterran, bħal Malta, Għawdex, u Kemmuna, b'ambjenti naturali differenti, jiġbdu lil dawn l-għasafar.

Il-passa hija spettaklu viżiv tal-għaġeb. Meta tara qatgħa rsieset jittajru fil-għoli f'dik li hija magħrufa bħala v-formation; meta tosserva l-ġmiel tal-qerd in-naħal jaqbad l-insetti waqt li jittajjar fil-widien tagħna; meta taħseb minn xiex ikunu għaddew huma u jpassu, l-ammirazzjoni u r-rispett tagħna għal dawn il-ħlejjaq żgħar għandhom ikunu bla qies.

Minbarra l-passa, Malta tilqa' wkoll għadd ta' speċi ta' għasafar li jbejtu f'pajjiżna. Il-lista **tvarja** minn ftit tajr tal-priża, bħall-ispanjulett u l-bies, għat-tajr tal-ilma u l-buful, bil-bufula sewda fost l-aktar komuni. Kull speċi għandha l-ambjent naturali favorit tagħha u llum hawn diversi siti għall-osservazzjoni tagħhom.

It-topografija tal-gżejjer tagħna u l-ambjenti naturali differenti li għandna f'medda pjuttost żgħira ta' art, huma ta' vantaġġ għal dawk li jkunu jixtiequ jesploraw il-gżejjer Maltin. Ma' dan jiżdied il-fatt li tista' żżur siti u santwarji differenti tal-għasafar fi ftit sigħat. Hekk, filli tkun fuq l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli jew il-Buskett u ftit ħin wara taf tkun fuq ir-ramel sħun f'xi bajja.

Aħna lkoll nibbenefikaw meta noqorbu lejn in-natura. Għax, wara kollox, aħna parti minnha: minnha nieħdu l-ħtiġijiet bażiċi, bħall-arja pura u l-ilma nadif. L-ispettaklu li toffri ta' kull sena r-rebbiegħa huwa valur miżjud u nħeġġeġ lil kulħadd biex isib ħin tul is-sena kollha, imma l-aktar fir-rebbiegħa, biex joħroġ u jgawdi l-ambjent naturali mill-isbaħ li nsibu f'pajjiżna.

Żommu għajnejkom u widnejkom miftuħin għall-firxa differenti ta' fjuri, għall-għanja tan-naħal, għaż-żifna tal-friefet u għall-ħoss tal-ilma ġieri, ittantaw xortikom forsi tilmħu ż-żrinġ, l-uniku

amfibju li għandna Malta. Osservaw id-differenza bejn ir-razez ta' gremxul li nsibu f'Malta, Għawdex, u Kemmuna. U fuq kollox, tinsewx titfgħu ħarsitkom 'il fuq...għax l-għasafar qed ipassu minn fuqna.

*(Mark Sultana jikteb dwar il-ġmiel tar-rebbiegħa f'pajjiżna, 6 t'April 2019)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Semmi **ŻEWĠ** eżempji fejn l-awtur jara r-rebbiegħa tagħti l-ħajja lin-natura. (2)
2. Għaliex Malta hija 'kruċjali' għall-għasafar tal-passa? (2)
3. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet li jwasslu lill-awtur jistagħġeb u jammira n-natura ta' madwaru. (2)
4. X'vantaġġ joffri ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin lil dawk li jixtiequ jiskopru l-ġmiel naturali tagħhom? (2)
5. Għaliex taħseb li l-awtur iqis ir-rebbiegħa bħala 'valur miżjud' li n-natura toffri lill-bniedem? (2)
6. Minn din is-silta jidher li l-awtur huwa intiż f'qasam naturali partikulari. Liema taħseb li hu dan u x'wasslek taħseb hekk? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra li tfisser l-istess bħal:
   a. sopravivenza (par.1)
   b. jagħmel festa (par.2)
   ċ. qagħda (par.3)
   d. tvarja (par.5) (4)

8. Mill-aħħar paragrafu, sib kliem jew frażijiet li jfissru:
   a. oqogħdu attenti ħafna;
   b. ippruvaw;
   ċ. ħarsu sewwa u bir-reqqa;
   d. l-aktar ħaġa importanti. (4)

9. Sib espressjoni mit-tieni paragrafu li turi li r-rebbiegħa hija stimolu essenzjali għan-natura. (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Kif naraw mill-istorja politika tagħna, u kif jixhed l-ilsien Malti, Malta kellha x'taqsam ħafna mal-artijiet tal-Lvant kif ukoll mal-artijiet tal-Punent, l-aqwa mal-ġirien tagħha, Sqallija u l-Italja. Issa aħna m'għandna qatt ninsew li lsien ta' poplu mhux ħaġa wieqfa jew staġnata, ngħidu aħna, bħal dik il-fossila li żammet l-istess figura wara li ilha eluf ta' snin imħaxkna bejn saff ġebel u ieħor. L-ilsien hu ħaġa ħajja, bħalma ħaj hu l-poplu li jitkellmu, u minn ġenerazzjoni għal oħra dejjem iġarrab xi tibdil, daqqa żgħir, daqqa kbir, li jibqa' jiżdied aktar ma jgħaddi ż-żmien, sakemm il-ħafna tibdil fuq tibdil ieħor qablu jwassal li l-ewwel għamla tat-taħdit bilkemm tibqa' tiftiehem.

*(Silta addattata minn L-Ilsien Malti, Ġ. Aquilina, 1969)*

1. Sib u ikteb eżempju ta' aġġettiv fis-superlattiv. (1)
2. Agħti s-singular femminil ta' **ġirien**. (1)
3. Sib u ikteb eżempju ta' parteċipju passiv ġej mir-Romanz. (1)
4. Agħti l-għerq ta' **mħaxkna**. (1)
5. X'inhu l-plural ta' **żgħir**? (1)
6. Sib u ikteb nom verbali. (1)
7. Ta' liema forma hu l-verb **jitkellmu**? (1)
8. Agħti z-zokk morfemiku ta' **politika**. (1)
9. Agħti l-plural tal-pronom **mhux**. (1)
10. Sib u ikteb eżempju ta' verb sħiħ trux. (1)
11. Nissel nom fil-plural minn **jixhed**. (1)
12. Agħti l-ħames forma fil-femminil u l-perfett tal-verb **iġarrab**. (1)
13. Sib u ikteb eżempju ta' numru ordinali. (1)
14. Sib u ikteb eżempju ta' plural sħiħ. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int perit ta' proġett ġewwa l-Belt, u ġejt imqabbad mill-awtoritajiet sabiex tħejji l-pjanti neċessarji sabiex twitti triq għalih, u inti hekk għamilt. Imma xahar wara tinduna li l-pjanti tiegħek inbidlu mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħek. Ikteb rapport li se jiġi mehmuż ma' ittra, sabiex tgħarraf l-awtoritajiet li saru ineżattezzi minn dak li ġie ppreżentat.

**JEW**

2. Ġimgħa ilu kienet għadha kif tlestiet it-triq tagħkom bit-tarmak. Ma laħqitx għaddiet l-ewwel maltempata li ma rajtx it-triq tegħreq u li biha nqerdu ħafna pjanti u siġar li kienu għadhom kemm tħawlu fl-istess triq. Ikteb rapport ta' x'ġara eżattament u x' taħseb li wassal għal dan kollu.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Il-kumitat tal-banda se jorganizza ikla festiva ġewwa l-pjazza biex jiċċelebra l-bidu tal-festa tar-raħal. Ikteb ittra lill-membri sħabek tal-każin biex tgħarrafhom meta se ssir u fiex tikkonsisti din l-attività.
   Ismek: Paul/Joyce Vella
   L-indirizz tiegħek: 18, Triq il-Ward, l-Iklin, IKL 1414.

**JEW**

2. Jumejn ilu ordnajt xirja online mingħand ħanut rinomat tal-laħam. Minn daqshekk ma damx biex qdiek, imma meta ċċekkjajt bil-kwiet, indunajt li kellek żewġ affarijiet nieqsa. Ikteb email lis-sid tal-ħanut, li fiha tispjegalu x'għandek nieqes u x'inhu l-aħjar li jsir biex jgħaddihomlok.

   Ismek: Stephen/Vivienne Attard
   L-indirizz elettroniku tiegħek: stephviv@edu.com
   L-indirizz elettroniku tal-bejjiegħ: tallaħam@komp.com

| |
|---|
| Lil:<br>Mingħand:<br>Data:<br>Suġġett:<br><br>................................................................................................................<br>................................................................................................................<br>................................................................................................................ |

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 8 ta' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Refuġjata* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Refuġjata,*** Mario Azzopardi

Il-mara tat-tined
dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

**Wieġeb:**

1. F'din is-silta, "il-mara tat-tined" qiegħda tħares lejn il-passat jew lejn il-futur? Ikteb għaliex taħseb hekk. (4)
2. X'figura tat-taħdit qed iħaddem il-poeta bil-kelma "ważi"? Ikteb x'effett toħloq din il-figura. (4)
3. Ikkwota eżempju **WIEĦED** ta' versi li għandhom repetizzjoni u ikteb dwar ir-rabta li nsibu fihom. (4)
4. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta, u fisser ir-rabta li għandha mat-tema tal-poeżija. (4)
5. X'effett joħloq il-poeta meta jispiċċa din is-silta bil-kliem: "il-massakri tal-għasafar / tal-irġiel"? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Niftakar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Niftakar,*** Anton Buttigieg

Niftakar
tal-qniepen il-mota ferrieħa,
u l-Ave Marija ta' Schubert,
taż-żahar il-fwieħa
u l-għafsa ta' idek ma' driegħi,
u l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani,
u l-mantar bajdani
jitkaxkar mal-qiegħa
tal-korsija;
id-dija u d-dawl tal-parilja,
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
sbuħitna,
mħabbitna;
u xita ta' ross
li niżlet għal fuqna bla ħoss;
imb'għad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-kejk qisu torri bajdan.

1. a) Fil-bidu ta' din is-silta, il-poeta qiegħed jirreferi: (agħżel **WAĦDA**) (4)
    i. għall-għerusija tagħhom
    ii. għaċ-ċerimonja taż-żwieġ
    iii. għall-imħabba

   b) Islet **TLIET** kelmiet jew frażijiet mis-silta li jsaħħu l-għażla li għamilt.
2. Ikteb dwar l-atmosfera li joħloq il-poeta f'din is-silta tal-poeżija. Islet **TLIET** kelmiet mill-poeżija li jsaħħu dak li ktibt. (4)
3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-vers: "u l-kejk qisu torri bajdan"? Fisser l-effett li jintlaħaq b'din il-figura. (4)
4. Minħabba li l-poeżija *Niftakar* hija eleġija, x'effett joħloq il-poeta permezz ta' din is-silta fil-bidu tagħha? (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta. X'effett joħloq il-poeta bir-rima li joħloq? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Jacqueline* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jacqueline,*** Pierre J. Meilak

Ovvjament, anki lilu kienu jogħġbuh it-tfajliet is-sbieħ. Lil min ma jogħġbux? Imma minn kmieni ħafna f'ħajtu ntebaħ li donnu dik il-kategorija ta' tfajliet ma kinitx ħobż għal snienu. Kien jaf li ma' tfajliet bħal dawk ried ikun xi ħaġa li qatt ma seta' jkun. Seta' jipprova – m'għandniex xi ngħidu – imma kien jaf li qatt mhu se jirnexxilu. U li taqa' għaċ-ċajt darba kultant fiha u ma fihiex imma li twaqqa' lilek innifsek għaċ-ċajt kontinwament kiefra.

Għalkemm kellu biss 27 sena, kien donnu rassenjat li jibqa' għażeb f'dar ommu. X'jonqsu? Kważi xejn. Imma kollox inbidel f'daqqa nhar Ħamis ix-Xirka, meta bħas-snin ta' qabel kien man-nies l-oħra qed jagħmel iċ-ċirkwit kappella sorijiet – knisja prinċipali – kappella Nazzarenu għal tliet darbiet. Kienu għadhom kemm kemm bdew l-aħħar round meta fuq iz-zuntier tal-knisja għajnejh iltaqgħu ma' ta' Jacqueline. U tbissmitlu. Ħares madwaru biex jara jekk kinitx qed titbissem lil xi ħaddieħor – kif is-soltu jagħmlu t-tfajliet quddiemu – imma ma ra lil ħadd jitbissem lura. Kien hu! U allura spara tbissima ċkejkna lejn fejn kienet Jacqueline u kompla miexi lejn is-sepulkru li jmiss, fejn did-darba fuq l-anġli tal-kartapesta bit-trumbetti, il-frieġħi tal-palm, l-imfietaħ, u ż-żigarelli seta' jara biss wiċċ wieħed ruxxan. Għall-ewwel darba f'ħajtu donnu kien hemm xi ħadd li wera ħajta interess fih. Imma forsi ħasbitu xi ħaddieħor. Wara kollox barra kien dlam ċappa.

Tlett ijiem wara reġa' raha għall-purċissjoni tal-Irxoxt u did-darba tbissmilha fil-pront huwa wkoll. U taħt xemx tisreġ lil Jacqueline raha isbaħ minn qabel. Mhux sabiħa daqs in-nisa vera sbieħ. Imma – ħej – sabiħa wkoll.

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, xi nsiru nafu dwar il-karattru tan-narratur? (4)
2. Fit-tieni paragrafu naqraw: "kien donnu rassenjat li jibqa' għażeb f'dar ommu." Semmi **ŻEWĠ** sentimenti li jinħassu f'dan il-ħsieb li għaddej minn moħħu? (4)
3. Taħseb li hemm rabta bejn il-"purċissjoni tal-Irxoxt" u "did-darba tbissmilha fil-pront huwa wkoll"? Fisser għaliex għamilt l-għażla li għamilt. (4)
4. Fis-sentenza, "u taħt xemx tisreġ lil Jacqueline raha isbaħ minn qabel," ix-xemx tisreġ għandha tifsira metaforika. Fissirha u ikteb x'effett toħloq. (4)
5. a) Il-protagonist/a ta' din is-silta huwa/hija: (agħżel **WAĦDA**) (4)
   i. L-imħabba
   ii. Jacqueline
   iii. It-tfajliet sbieħ
   iv. In-narratur

   b) Ikteb għaliex għamilt l-għażla li għamilt.

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Bank* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Bank,*** Frans Sammut

L-iskola kienet teħtieġ bankijiet ġodda daqs il-ħobż. Li kellna kienu qdiemu, u dehrithom kienet waħda ta' dwejjaq: mibruxin, migrufin, imħażżin kif kienu. Nies li kienu qagħdu fuqhom kibru, iżżewġu u bagħtu 'l uliedhom jintasbu fuqhom minflokhom, u dawn għamlu bħalhom, u safrattant il-bankijiet qodma daqs l-għoljiet ta' madwar ir-raħal ċkejken baqgħu hekk, jistħu minn min jarahom, jistennew minn waqt għall-ieħor li xi ħadd iħenn għalihom u jaħraqhom.

Kienu tgħallmu l-materji kollha tal-iskola u saru esperti fihom. Li kellhom fomm kienu jlissnu sensiliet twal ta' tagħlimiet fuq l-ilsna mgħallmin u l-aritmetika tal-għadd u t-tnaqqis daqs l-aqwa għalliem. Iżda x'aktarx li kienu midħla l-aktar tal-varjetà kbira tal-warrani tat-tfal li qagħdu fuqhom u saħħnuhom fix-xhur tax-xitwa u ħallewhom għal riħhom fix-xhur sajfin.

L-injamiet fejn jiktbu t-tfal ċkejknin kienu mħażżin tant li jfakkruk fil-kitbiet ġeroglifiċi tal-Eġittu tal-qedem, u ma kinitx tkun imqarrqa wisq l-idea kieku ttieħdu l-Mużew u biż-żieda ta' ftit kliem imżewwaq ta' xi gwida mdorri jaqla' minn żniedu, intwerew bħala xhieda ta' kultura qadima u minsija.

Għalkemm kellna din il-ħtieġa kbira ta' bankijiet ġodda, konna għoddna qtajna jiesna li neħilsu mill-qodma. Kif fl-aħħar ksibna oħrajn ġodda hi ġrajja kemxejn kurjuża, u għandha mnejn qajla titwemmen. Kien ġie lura mill-Amerka, jew aħjar, mill-irkejjen imbiegħda tad-dinja, Krazju Ebejer (mhux hekk kien jismu, m'għandniex xi ngħidu) li ġab miegħu kemxiet kbar ta' boqxiex, ġabriet kurjużi ta' ħwejjeġ ta' kull għamla u sura u n-niket għat-telfa ta' martu li ħadha miegħu iżda ħallieha warajh.

**Wieġeb:**

1. Sib u ikteb mis-silta **ERBA'** kelmiet jew frażijiet li jenfasizzaw kemm kienu qodma l-bankijiet. (4)
2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "L-iskola kienet teħtieġ bankijiet ġodda daqs il-ħobż"? Ikteb x'effett toħloq din il-figura. (4)
3. Mis-silta ta' proża sib sentenza li hija ironika. Iktibha u fisser l-effett li jrid joħloq biha n-narratur. (4)
4. Sib eżempju ta' iperbole mit-tielet paragrafu, iktbu u fisser l-effett li joħloq. (4)
5. Min kien Krazju Ebejer, u x'sehem għandu fil-ġrajja tal-bankijiet? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

**It-Tielet Taqsima: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Ma tistax tuża u tirreferi għax-xogħlijiet letterarji (poeżiji u novelli) li ngħataw fit-taqsimiet tar-referenza għall-kuntest. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet l-oħra. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Il-poeta jagħżel li f'kitbietu jittratta r-riflessjoni u l-qagħda ġewwiena tiegħu. Uri dan billi tirreferi għal poeżiji li studjajt mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

**JEW**

2. Il-politiku jaf jgħinek jew jaf jinsiek, minkejja l-wegħdi li jkun għamel qabel l-elezzjoni. Iddiskuti dan billi tirreferi għal xi xogħlijiet letterarji minn *Bejn Ħaltejn*.

**(Total: 30 marka)**

**Ir-Raba' Taqsima: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħol. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Francis Ebejer jiddeskrivi sitwazzjonijiet, personaġġi, u ambjenti ta' Malta fl-imgħoddi permezz ta' kwadretti biex iż-żgħażagħ tal-lum u ta' għada jkunu jafu fejn u kif għexu missirijiethom. Uri kif dan hu minnu b'referenza għar-rumanzett 'Il-Ħarsa ta' Ružann'.

**JEW**

2. Il-bidu tar-rumanzett ilaqqagħna mal-karattru tal-missier u l-iben: tal-Baruni x-Xiħ u tal-Baronċin Mark-Antonin. Uri kif il-karattri huma kuntrastanti billi tirreferi għall-ewwel parti tar-rumanzett 'Il-Ħarsa ta' Ružann'.

**(Total: 30 marka)**